31986D0028

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Jannar 1986
li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni ta' Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Kanada dwar il-koperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-fużjoni

(86/28/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni wettqet negozjati skond id-Direttivi tal-Kunsill u tipproponi li tapprova l-konklużjoni ta' Memorandum ta' Fehim bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Kanada dwar il-koperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-fużjoni;

Billi għandha tiġi approvata l-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Memorandum ta' Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu waħdieni

Hija hawnhekk approvata l-konklużjoni mill-Kummissjoni ta' Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Kanada dwar il-koperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-fużjoni.

It-test tal-Memorandum ta' Fehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Jannar 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BRAKS